MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Appell Kriminali Numru. 335/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Salvatore Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Salvatore Abela talli fit-18 ta' Settembru 2007 ghall-habta ta' 15.30 hrs u fix-xhur ta' qabel gewwa Triq Santa Rita, B'Bugia:

(1) Volontarjament kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

(2) Fl-istess data, hin u lok gewwa Triq Santa Rita Birzebbugia, f'post pubbliku, xerred, waqqa' jew halla frak ta' xi kontenitur, likwidu, duhhan li jaghmel hsara,

karborant jew fluwidu iehor bil-hsara ghal post jew ghannies li hemm juzaw dik il-parti tat-triq bi ksur tar-regolament 4(c)(f) Skeda 1, Avviz Legali 344/2005;

(3) Haddem sengha ta’ welder u sprayer minghajr il-permess ta’ Awtorita` kompetenti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-4 ta’ Novembru, 2008, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Salvatore Abela hati ta’ l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u minnhom lliberatu izda sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u, wara li rat l-artikoli [*recte:* regolamenti 2, 4, 10(3) tal-Avviz Legali citat, ikkundannatu multa ta’ 2,400 euro pagabbli minnufih jew fin-nuqqas konvertibbli f’xahrejn prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Salvatore Abela pprezentat fit-12 ta’ Novembru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabitu hati tat-tieni mputazzjoni u fejn illiberatu mill-ewwel u mit-tielet imputazzjonijiet u tirrevokaha f’dik il-parti fejn erogat il-piena ta’ multa ta’ 2,4000 euro u minflok tikkundannah piena li tkun applikabbli ghac-cirkostanzi tal-kaz u ghall-imputazzjoni mahruga mill-Pulizija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-piena nflitta mill-ewwel Qorti u li jsostni ma kinitx applikabbli ghac-cirkostanzi tal-kaz peress illi s-subregolament (3) tar-regolament 10 ta’ l-Avviz Legali 344/2005, u li l-ewwel Qorti applikat *ex officio*, ma japplikax ghall-agir ta’ l-appellant.

Jirrizulta illi l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant hi marbuta mal-paragrafi (c) u (f) ta’ l-Ewwel Skeda ta’ l-imsemmi Avviz Legali. Is-subregolament (3) tar-

regolament 10 jipprovdi ghal multa elevata fejn l-oggetti jkunu “ta’ daqs jew kwantita` jew kumulu, li meta tqisu wahdu jikkawza haga li ddejjaq, jew li jista’ jwassal ghad-deterjorament jew thassir ta’ post pubbliku”. Imbaghad il-*proviso* ta’ dan is-subregolament jirreferi ghat-Tieni Skeda fejn hemm elenkati “izda b’mod mhux tassattiv”, l-oggetti li ghandhom jitqiesu bhala hwejjeg mormija, ecc.

Huwa evidenti kemm mill-imputazzjoni kif ukoll mill-provi, illi c-cirkostanzi ma kinux jirrigwardaw xi haga li kienet b’xi mod taqa’ taht l-imsemmija Tieni Skeda. Kwindi ma kinitx applikabbli l-piena msemmija fis-subregolament (3) tar-regolament 10 izda dik imsemmija fis-subregolament (1) tar-regolament 10.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta’ multa ta’ elfejn u erba’ mitt euro (€2,400) pagabbli minnufih jew fin-nuqqas konvertibbli f’xahrejn prigunerija, u minflok tikkundannah multa ta’ mija u sittax-il euro (€116) u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------